

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1663**tas-6 ta' Novembru 2018**

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards għan-navigazzjoni interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni tar-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards Ewropej għall-kwalifiki professjonali fil-qasam tan-navigazzjoni interna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni tar-Renu ("il-Konvenzjoni") daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1967.
- (2) Bis-saħħa tal-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni tar-Renu (CCNR) tista' tadotta riżoluzzjonijiet li jkunu vinkolanti għall-membri tagħha.
- (3) Il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards komuni għan-navigazzjoni interna (CESNI) twaqqaf fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tas-CCNR biex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ.
- (4) Is-CESNI ser jadotta standards għall-kwalifiki professjonali fil-qasam tan-navigazzjoni interna. ("standards għall-kwalifiki professjonali") waqt il-laqgħa tiegħu fit-8 ta' Novembru 2018. Huwa probabbli li sessjoni plenarja tas-CCNR ser tadotta riżoluzzjoni li tinkorpora dawk l-istandards fir-Regolamenti għall-persunal tan-navigazzjoni tar-Renu.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CESNI u fis-CCNR, peress li l-istandards għall-kwalifiki professjonali ser jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, fl-ispeċifiku d-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u ser ikollhom effett ġuridiku bis-saħħa tar-regoli li jirregolaw is-CCNR meta din tadotta dawk l-istandards.
- (6) Hu importanti li r-rekwiżiti tekniċi għal membri tal-ekwipaġġ ikunu kemm jista' jkun armonizzati taħt ir-reġimi legali differenti fl-Ewropa sabiex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà, tkun żgurata s-sikurezza tan-navigazzjoni u tkun żgurata l-protezzjoni tal-ħajja umana u tal-ambjent. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri li huma wkoll membri tas-CCNR ikunu awtorizzati jappoġġaw deċiżjonijiet li jarmonizzaw ir-regoli tas-CCNR ma' dawk applikati fl-Unjoni.
- (7) L-istandards għall-kwalifiki professjonali żviluppatti mis-CESNI jipprevedu standards Ewropej armonizzati minimi u jinkludu standards għall-kompetenzi, standards għal eżamijiet prattiċi, standards għall-istat mediku u standards għall-approvazzjoni ta' simulaturi.
- (8) B'effett mit-18 ta' Jannar 2022, l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2017/2397 jirreferi direttament għall-istandards għall-kwalifiki professjonali bħala dawk stabbiliti mis-CESNI. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tinkludi t-test sħiħ ta' dawk l-istandards fatti delegati, li tagħmel ir-referenzi rilevanti jew li taġġornahom, u li tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni.
- (9) Il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi espressa b'mod konġunt mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CESNI u tas-CCNR,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards għan-navigazzjoni interna (CESNI) tat-8 ta' Novembru 2018 għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-istandards Ewropej għall-kwalifiki professjonali fil-qasam tan-navigazzjoni interna (referenzi cesni (18)_29 sa cesni (18)_42).

⁽¹⁾ Id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53).

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni tar-Renu (CCNR) fejn l-istandards Ewropej għall-kwalifiki professjonali fil-qasam tan-navigazzjoni interna (referenzi cesni (18)_29 sa cesni (18)_42) huma deċiżi għandha tkun waħda ta' appoġġ tal-proposti kollha li jallinjaw ir-rekwiżiti tar-Regolamenti għall-persunal tan-navigazzjoni tar-Renu ma' dawk tal-istandards Ewropej għall-kwalifiki professjonali fil-qasam tan-navigazzjoni interna.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kif stabbilita fl-Artikolu 1(1) għandha tiġi espressa b'mod konġunt mill-Istati Membri li huma membri tas-CESNI.
2. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kif stabbilita fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi espressa b'mod konġunt mill-Istati Membri li huma membri tas-CCNR.

Artikolu 3

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 mingħajr Deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjonighandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER
